## T I L Q I T*

LIL PROF. TEM. ZAMMIT

*Fuq il-warda ta' żgħużiti*
*Li fetħitli qrib l-għoxrin*
*L-oħla tama ġiet tittajjar*
*B'dawk il-ġwienaħ imżewqin.*

*Xemx is-saħħa tisreġ fuqha,*
*Isaqqiha dmugħ il-għajn,*
*Fewġa bnina tilgħab magħha,*
*Ikennuha żewġ dirgħajn.*

*Jien, jaħasra! fhimt li ġmielha*
*Ma kellux imut bis-snin,*
*U fil-ħeġġa taż-żgħużija*
*Qbadt it-triq tal-qalbenin.*

*Għadni miexi b'ħilti kollha...*
*' Ma nintebaħ ta' sikwit*
*Li mill-warda ta' żgħużiti*
*Ma baqax ħlief xi tilqit.*

17/x1/1928 DUN KARM

## DOMINUS ILLUMINATIO MEA

*"Xi dlam iswed, mamma tiegħi!*
*Ma narax 'il fejn immur;*
*Biża' u waħx iħarsu lejja*
*Minn ġe' d-dlam kull fejn indur.*

*Mamma tiegħi, żommli f'idi;*
*Ej wassalni sa ġe' l-friex...*
*Inti, mamma, id-dawl t'għajnejja;*
*It-triq, waħdi, ma nsibhiex."*

---

*Nota.—Dawn iż-żewġ poeżiji ta' Dun Karm, li baqgħu barra mill-ġabra tat-tabib Ġużè Bonnici, kienu dehru darba biss — l-ewwel waħda f' "Leħen is-Sewwa" u l-oħra fil-"Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù." — (L-Editur.).